**1 ta' Lulju 2009**

**IL-WIRJA TRADIZZJONALI TAL-IMNARJA
TAL-KLIEB TAL-KAĊĊA**

Għall-ħdax il-sena konsekuttiva Uffiċjali u Membri tal-Federazzjoni Kaċċaturi Nassaba Konservazzjonisti (FKNK) ġew mistiedna bħala ġudikaturi għall-Wirja Tradizzjonali tal-Imnarja tal-klieb tal-kaċċa li tinżam ġewwa l-ġonna tal-Buskett nhar l-Imnarja.

Tlett membri tal-FKNK iġġudikaw iż-żewġ kompetizjonijiet tal-klieb, dik tal-Klieb tal-Fenek u l-oħra tal-Klieb tal-Kaċċa. Kull kompetizjoni tkun imqassma fi tlett kategoriji, jiġifieri klieb irġiel, klieb nisa u ġriewi ta' taħt is-sena.

Din il-Wirja Tradizzjonali tal-Imnarja tiġi organizzata kull sena mis-Soċjeta Agrarja, u din is-sena wkoll l-FKNK għamlet donazzjoni ta' tazzi li tqassmu lir-rebbieħa.

Lino Farrugia
Segretarju – FKNK